



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 111/23

Il-Lussemburgu, 22 ta' Ġunju 2023

Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fil-Kawża C-281/22 | G. K. et (L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew)

### **Investigazzjonijiet transkonfinali mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (I-UPPE): L-Avukata Ġenerali Ċapeta tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li sħarriġ ġudizzjarju fl-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew għandu jkun limitat għal kwistjonijiet proċedurali**

*L-UPPE huwa sistema żviluppata ħafna ta' rikonoxximent reċiproku b'salvagwardji integrati li jiggarrantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali*

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (I-UPPE) għandu setgħat ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda, għall-ewwel darba, tintalab tinterpreta l-istrument legali li jstabbilixxi dan l-uffiċċju u tiddetermina r-regoli dwar il-funzjonament tiegħu, jiġifieri, ir-Regolament dwar l-UPPE.

F'din il-kawża, diversi persuni fiżiċi u ġuridiċi huma akkużati li stabbilixxew sistema vasta għall-importazzjoni tal-bijodiżil mill-Bosnja-Ħerzegovina lejn l-Unjoni, li huma sostnew kien immanifatturat minn żejt tat-tisjir użat. Dan iż-“żejt tat-tisjir użat” kien allegatament importat preċedentement mill-Istati Uniti lejn il-Bosnja-Ħerzegovina. Hemm, madankollu, suspett li dan il-bijodiżil kien diġà ġie mmanifatturat fl-Istati Uniti mingħajr ebda stadji intermedji ta' pproċessar jew ta' produzzjoni fil-Bosnja-Ħerzegovina. L-UPPE, permezz tal-Prosekutur Delegat Ewropew inkarigat mill-każ (fil-Ġermanja), qiegħed iwettaq investigazzjonijiet preliminari dwar dawn l-allegati dikjarazzjonijiet foloz, li jwasslu għal telf mid-dħul ta' madwar EUR 1 295 000. Dan l-allegat telf jikkostitwixxi interess finanzjarju għall-Unjoni u għalhekk jaqa' taħt il-kompetenza tal-UPPE.

Għalkemm l-investigazzjoni prinċipali qiegħda sseħħ fil-Ġermanja, l-UPPE qies neċessarju li jwettaq investigazzjoni transkonfinali fl-Awstrija. Għalhekk, il-Prosekutur Delegat Ewropew (Ġermaniż) inkarigat mill-każ assenja t-tiftix u l-qbid tal-proprjetà tal-akkużati lill-assistent Prosekutur Delegat Ewropew (fl-Awstrija).

Taħt id-dritt Awstrijak, madankollu, tali miżura investigattiva teżiġi awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel. L-assistent Prosekutur Delegat Ewropew għalhekk kiseb mandati ġudizzjarji għat-tiftix u għall-qbid ta' dokumenti u tagħmir elettroniku inkriminanti.

Fl-1 ta' Diċembru 2021, l-akkużati ppreżentaw appelli quddiem il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna (l-Awstrija) mill-mandati ta' tiftix approvati minn erba' qradi Awstrijaċi. Huma jsostnu li l-miżuri ta' tiftix u ta' qbid awtorizzati la kienu neċessarji u lanqas proporzjonati.

Il-Qorti Reġjonali Superjuri ddeċidiet li tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi stabbilit jekk

hijiex awtorizzata twettaq sħarriġ sħiħ (kif kieku twettaq f'sitwazzjoni purament domestika), jew jekk l-istħarriġ tagħha għandux ikun limitat għal kwistjonijiet proċedurali li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' investigazzjoni transkonfinali inkwistjoni.

Fil-konklużjonijiet tagħha tal-lum, wara li evalwat l-għażliet interpretattivi disponibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja, u wara li ħadet inkunsiderazzjoni l-effiċjenza tal-UPPE kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-Avukata Ġenerali Tamara Čapeta tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej: **ir-Regolament dwar l-UPPE għandu jinftehem fis-sens li jawtorizza lill-qorti tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew (f'dan il-każ, l-Awstrija) tistħarregħ biss l-aspetti marbuta mal-eżekuzzjoni ta' miżura investigattiva, u taċċetta l-evalwazzjoni tal-Prosekutur Delegat Ewropew inkarigat mill-każ (f'dan il-każ, il-Ġermanja) li l-miżura hija ġġustifikata.**

L-ewwel u qabelxejn, l-Avukata Ġenerali tinnota li r-Regolament dwar l-UPPE jirregola biss parzjalment il-proċeduri tal-UPPE. B'mod partikolari, dan ma jipprovdi xejn dwar in-neċessità ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel għall-miżuri ta' investigazzjoni transkonfinali, u jħalli dan f'idejn il-liġijiet kriminali tal-Istati Membri.

Hija tenfasizza wkoll li l-UPPE kien intiż li jkun mekkaniżmu effiċjenti għall-ġlieda kontra r-reati li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż investigazzjonijiet transkonfinali.

Sħarriġ ġudizzjarju sħiħ fl-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew iwassal sabiex l-investigazzjonijiet transkonfinali tal-UPPE jkunu sistema inqas effiċjenti milli kif maħsub. Tqassim tal-kompiti li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja, fejn il-qorti tal-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew tista' tistħarregħ biss l-aspetti marbuta mal-eżekuzzjoni ta' miżura investigattiva, ma jmurx kontra l-formulazzjoni tar-Regolament dwar l-UPPE u jissodisfa aħjar l-għan tiegħu li johlq sistema effiċjenti għall-ġlieda kontra r-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Skont l-Avukata Ġenerali, tali soluzzjoni, li tirriżulta mill-fatt li l-UPPE huwa strument ta' rikonoxximent reċiproku iktar avvanzat, tissalvagwardja wkoll drittijiet fundamentali ta' persuni ssuspettati u ta' akkużati f'investigazzjonijiet transkonfinali, speċjalment mill-perspettiva tas-sistema iktar vasta tar-Regolament dwar l-UPPE.

Speċifikament, ir-Regolament dwar l-UPPE jinkludi diversi salvagwardji li jggarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Dawn huma, pereżempju, il-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni bejn l-assistent Prosekutur Delegat Ewropew u l-Prosekutur Delegat Ewropew inkarigat mill-każ meta tiġi assenjata miżura ta' investigazzjoni transkonfinali; lista konkreta tad-drittijiet tal-persuni ssuspettati u tal-akkużati fi proċeduri tal-UPPE; u l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu rimedji ġudizzjarji kontra l-atti proċedurali tal-UPPE.

Għaldaqstant, il-fatt li l-qorti tal-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew tiġi awtorizzata tistħarregħ biss l-aspetti marbuta mal-eżekuzzjoni tal-miżura investigattiva jiżgura li l-UPPE jwettaq effiċjentement il-kompiti tiegħu, u ma jippreġudikax il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

